MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2004

Numru 474/2003

**Illum 12 ta' Mejju 2004**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Zarb u Silvio Valletta)**

**vs**

**Jonathan Zammit**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat Jonathan Zammit ta' 17-il sena, bin (late) Charles u Rita nee' Vella, imwieled Pieta' fit-13 ta' Dicembru1986 u residenti: 'My Nest', Triq ir-Rebbiegha, Mosta; detenur tal-karta ta' identita bin-numru 006686M.

Akkuzat talli: f'dawn il-Gzejjer, fis-26 ta' Marzu 2003, u fil-granet ta' qabel u dawk ta' wara, b'diversi atti maghmulinfi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. bil-qerq, holoq jew geghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza ikun jistgha 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat u talli iddenunzja lill-Pulizjija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx u dan bi ksur ta' l-artikolu 110(1) u (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingan, jew billi wera haga b'ohra sabiex gieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq bi hsara ta' HSBC Bank Malta plc; David Andrew Camilleri, Ammar Elsadi u diversi persuni ohra bi ksur ta' l-Artikolu 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;

3. xjentement iltaqa ghandu jew xtara affarijiet misruqa, mihuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li kien indahal biex mexxihom jew bieghhom, u dan bi ksur ta' l-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament, mhux opposta.

Semghet lill-imputat fl-udjenza tal-lum jametti l-akkuzi fl-liema ammissjoni huwa ppersista anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Ikkonsidrat:

L-imputat huwa akkuzat ta' holqien ta' reat taht l-Artikolu 110(2) tal-Kap 9, ta' truffa aggrevata u b'ricettazzjoni.

Issa stante l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tal-imputat issibu hati tar-reati fuq dedotti.

Ghal dik li hi piena, rat l-fuq certi artikoli tal-ligi u l-Artikolu 17 tal-Kap 9 u wara li kkonsidrat l-istqarrija minnhu rilaxxjata , l-ammissjoni tieghu u l-fedina penali relattivament netta tieghu, tiddecidi li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor zmien tlett snin mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------